

TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
 SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
 DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL
 GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
 EUROOPA ÚHENDUSTE KOHUS
 ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
 COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
 COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
 CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EURPACH
 CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE
 EIROPAS KOPIENU TIESA



3ENDRIJU TEISINGUMO TEISMAS
 J KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA
 IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
 HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
 TRYBUNAL SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓŁNOT EUROPEJSKICH
 TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
 SÚDNY DVOR EURÓPSKÝCH SPOLOČENSTIEV
 SODIŠĆE EVROPSKIH SKUPNOSTI
 EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN
 EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

Stampa u Informazzjoni

KOMUNIKAT STAMPA Nru 39/06

3 ta' Mejju 2006

* * *

MEMBRI ġODDA MAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA U MAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA

Udjenza solenni tat-3 ta' Mejju 2006

Permezz tad-deċiżjonijiet tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej tas-6 ta' April 2006, Antonio Tizzano u Paolo Mengozzi ġew maħtura rispettivament Imħallef u Avukat Ġenerali mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej sas-6 ta' Ottubru 2006. Enzo Moavero Milanesi ġie maħtur Imħallef mal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej sal-31 ta' Awwissu 2007.

Antonio Tizzano, Avukat Ĝeneralis mal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000, jidħol minflok Antonio Mario La Pergola li eżerċita l-funjonijiet ta' Mħallef mal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1994 sal-31 ta' Diċembru 1994, dawk ta' Avukat Ĝeneralis mill-1 ta' Jannar 1995 sa l-14 ta' Diċembru 1994 u mill-ġdid dawk ta' Mħallef mal-Qorti tal-Ġustizzja mill-15 ta' Diċembru 1999. Paolo Mengozzi, Imħallef mal-Qorti tal-Prim'Istanza mill-4 ta' Marzu 1998, jidħol minflok Antonio Tizzano fil-funzjonijiet ta' Avukat Ĝeneralis fil-Qorti tal-Ġustizzja. Enzo Moavero Milanesi jidħol minflok Paolo Mengozzi fil-funzjonijiet ta' Mħallef mal-Qorti tal-Prim'Istanza.

Illum inżammet udienza solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tat-tluq ta' Antonio Mario La Pergola kif ukoll tad-dħul fis-servizz ta' Antonio Tizzano, Paolo Mengozzi u Enzo Moavero Milanesi.

Antonio Mario La Pergola

Imwieled fl-1931; professor tad-Dritt Kostituzzjonal u tad-Dritt Pubbliku Ĝeneralis u Komparattiv (Universitajiet ta' Padova, ta' Bologna u ta' Ruma); membru tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (1976-1978), Membru tal-Qorti Kostituzzjonal u President tal-Qorti Kostituzzjonal (1986-1987); Ministru għall-Politika Komunitarja (1987-1989); Membru tal-Parlament Ewropew (1989-1994); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1994 sal-31 ta' Diċembru 1994; Avukat Ĝeneralis mill-1 ta' Jannar 1995 sa l-14 ta' Diċembru 1999, Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-15 ta' Diċembru 1999 sat-3 ta' Mejju 2006.

Antonio Tizzano

Imwiedel fl-1940 ; kellu diversi inkarigi ta' tagħlim ma' universitajiet Taljani ; Kunsillier Ġuridiku fir-rappreżentanza permanenti ta' l-Italja fi ħdan il-Komunitajiet Ewropej (1984-1992) ; Avukat fil-Corte di Cassazione u fi qrat għolja oħra; membru tad-delegazzjoni Taljana fl-okkażjoni tan-negożjati internazzjonali u konferenzi intergovernattivi, fosthom dawk li huma relatati ma' l-Att Uniku Ewropew u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; responsabbli għal diversi pubblikazzjonijiet; membru ta' grupp ta' esperti indipendenti mwaqqaf sabiex jeżaminaw l-finanzi tal-Kummissjoni Ewropea (1999) ; professur tad-Dritt Ewropew, direttur ta'l-Istitut tad-Dritt Internazzjonali u Ewropew ta' l-Università ta' Ruma; Avukat Ġenerali mal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000 sat-3 ta' Mejju 2006.

Paolo Mengozzi

Imwiedel fl-1938 ; Professur tad-Dritt Internazzjonali u inkarigat mill-Jean Monnet Chair of European Community Law ta' l-Università ta' Bologna ; Duttur *honoris causa* ta' l-Università Carlos III ta' Madrid ; visiting professor ta' l-universitajiet John Hopkins (Bologna Cener), St Johns (New York), Georgetown, Paris-II, Georgia (Athens) u ta' l-Institut Universitaire International (Lussemburgu); koordinatur tal-European Business Law Pallas Program, organizzat fi ħdan l-Università ta' Nijmegen; membru tal-Kummissjoni Konsultattiv tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-kuntratti pubbliċi; Viċi Segretarju ta' l-Istat għall-Industrija u l-Kummerċ matul is-semestru tal-Presidenza Taljana tal-Kunsill; membru tal-grupp ta' riflessjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO), u Direttur għas-sessjoni 1997 taċ-Ċentru għar-Riċerka ta' l-Akkademja tad-Dritt Internazzjonali ta' The Hague li huwa ddedikat għall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; Imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza mill-4 ta' Marzu 1998 sat-3 ta' Marzu 2006.

Enzo Moavero Milanesi

Imwiedel fl-1954; duttur fil-liġi (Università La Sapienza, Ruma) ; studji fid-dritt Komunitarju (Collège d'Europe, Bruges) ; irregistret fl-Avukatura , eżerċita l-professjoni ta' avukat (1978-1983); responsabbli tal-kors fid-Dritt Komunitarju ta' l-universitajiet La Sapienza, Ruma (1993-1996), Luiss, Ruma (1993-1996 u 2002-2006) u Bocconi (Milan) (1996-2000) ; Kunsillier għall-kwistjonijiet Komunitarji mal-Prim Ministru Taljan (1993-1995) ; uffiċjal mal-Kummissjoni Ewropea: kunsillier ġuridiku u sussegwentement kap ta' l-Uffiċċċju tal-Viċi President (1989-1992), Kap ta' Kabinet tal-Kummissarju responsabbli għas-'Suq Intern' u l-'Kompetizzjoni', direttur mad-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni (1999-2002), Assistent Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea (2002-2005), Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċċju tal-Kunsillieri Politiċi (2006) .

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li majorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja

Lingwi disponibbli: kollha

Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell

Tel: (00352) 4303 3355 Fax: (00352) 4303 2731

Filmati ta' l-udjenza formali huma disponibbli fuq EbS "Europe by Satellite",

servizz mogħti mill-Kummissjoni Ewropea,

Direzzjoni Ġenerali ta' l-Istampa u Komunikazzjoni

L-2920 il-Lussemburgu, Tel: (00352) 4301 35177 Fax: (00352) 4301 35249

jew B-1049 Brussell, Tel: (0032) 2 2964106 Fax: (0032) 2 2965956